Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,171, 16 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 73 tal-2019

ATT DWAR IL-LOGĦOB
(KAP. 583)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ġugaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12(d) tal-Att dwar il-Logħob, is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob, għamel ir-regolamenti fi ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ġugaturi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Ġugaturi, minn hawn 'l quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 583.08.

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Operaturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ġugaturi informazzjoni faċilment aċċessibli li tiddelinja b'mod ċar il-proċeduri applikabbli biex iressqu ilmenti lilhom u biex jirreferu tilwim lill-entitajiet tal-ADR:

Iżda l-operaturi għandhom jinfurmaw ukoll lill-ġugaturi li huma jistgħu jressqu lmenti lill-Unità ta' Appoġġ għall- Ġugaturi jekk ikollhom raġuni biex jemmnu li kwalunkwe aspett tas-servizz tal-logħob huwa illegali, jew imwettaq b'mod li mhux sikur, ġust jew trasparenti.";

(b) il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) Meta jikkomunika r-riżultat tal-istħarriġ lill-ilmentatur, l-operatur għandu jipprovdi wkoll lill-ilmentatur il-proċedura biex jirreferi t-tilwim lill-entità tal-ADR u kwalunkwe ilment li jirriżulta minn jew in konnessjoni mas-servizz tal-logħob lill-Unità ta' Appoġġ għall-Ġugaturi jew għal kwalunkwe direttorat tal-Awtorità

li l-Awtorità tista' tiddetermina minn żmien għal żmien.".

Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "il-ġugatur jista' jirreferi dak l-ilment u l-fatti rilevanti kollha lill-Unità ta' Appoġġ għall-ġugaturi jew lil xi entità tal-ADR oħra." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-ġugatur jista' jirreferi kull tilwima li tinqala' minnu lil entità tal-ADR:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-ġugatur li jressaq ilment li jirriżulta minn jew in konnessjoni mas-servizz tal-logħob lill-Unità ta' Appoġġ għall-Ġugaturi jew għal kwalunkwe direttorat tal-Awtorità li l-Awtorità tista' tiddetermina minn żmien għal żmien.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "l-merti ta'" għandhom jitħassru u l-kliem "u taġixxi bħala medjatur bejn il-ġugatur u l-persuna awtorizzata rilevanti sabiex tiffaċilita ftehim amikevoli dwar it-tilwima" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "indipendentement minn kwalunkwe tilwima li ġiet riferuta lil entità tal-ADR, bħala parti mill-funzjonijiet ta' konformità tagħha";

(b) fis-subregolament (3) tiegħu, minflok il-kelma "investigazzjoni" għandha tidħol il-kelma "eżaminazzjoni";

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kelma "l-immaniġġjar" għandha tidħol il-kelma "l-eżaminazzjoni".